MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**PACE RAYMOND C.**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 16/2002/1

**Paul Cutajar**

**vs**

**Stephanie Cutajar**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti ccelebraw iz-zwieg fit-18 ta' April 1993 hekk kif jidher mie-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok. "PC 1";
Illi mill-imsemmi zwieg, il-kontendenti kellhom zewgt itfal, it-tnejn minorenni Gabriel u Karl;

Illi l-kunsens tal-kontendenti jew min minnhom hu vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali

taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-kontendenti jew min minnhom inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-attur inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Illi ghalhekk iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti huwa null u minghajr ebda effett fil-Ligi;

Illi l-attur ghalhekk talab li l-istess konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti prevja okkorrendo kull dikjarazzjoni mehtiega w opportuna, ghar-ragunijiet fuq imsemmija li:

1. Tiddikjara li z-zwieg hawn fuq imsemmi celebrat bejn il-kontendenti fit-18 ta' April 1993 huwa null u minghajr ebda effett fil-Ligi.

Bl-ispejjez u bil-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 *et seq.* tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tal-20 ta' Marzu 2002; tal-11 ta' Gunju 2002 fejn inghata digriet tal-affidavit tal-partijiet. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ostakolo ghall-14 ta' Novembru 2002.

Rat in-nota tal-konvenuta li permezz taghha ezebiet l-affidavit taghha;

Rat in-nota tal-attur li permezz taghha ezebixxa l-affidavit tieghu;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### A. KAWZA ODJERNA

Illi din hija kawza fejn l-attur qed jitlob li z-zwieg tieghu mal-konvenuta celebrat fit-18 ta' April 1993 jigi dikjarat null u bla effett stante li hu qed jallega li l-kunsens taghhom kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha; kif ukoll, li l-kunsens taghhom inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga; kif ukoll li l-kunsens tieghu inkiseb b'qerq dwar kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

### B. PROVI PRODOTTI

Illi l-attur fl-ewwel premessa tieghu sostna li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat *ai termini* ta' l-**artikolu 19(1)(d) tal-Kap.255.** Dan l-artikolu jghid hekk:-

***Art.19(1) :*** *B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi disposizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

*"(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet esenzjali taz-zwieg."*

Illi ghar-rigward tal-istess **artikolu 19(1)(d)** mill-provi migbura jirrizulta li l-kontendenti, qabel ma zzewgu, ma kkunsidrawx bis-serjeta' l-valuri u l-principji tal-hajja mizzewga. Il-kuncett ta' diskrezzjoni ta' gudizzju *"supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess a critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly."*

Infatti l-awtur **Bersini** (**Il Diritto Canonico Matrimoniale [Torino, 1994]**) jispjega li:-

*“Per dare un valido consenso, non e’ sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e’ il matrimonio; e’ necessaria la maturita’ di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e’ necessaria la discrezione non tanto per l’atto in se, al monento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell’atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro.Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l’eta’ prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita’ intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra’ ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio”.*

Illi hu ghalhekk importanti li jkun hemm maturita’ li tippermetti lill-persuna li tevalwa d-drittijiet u obbligi li ggib maghha l-hajja mizzewga cioe’ li jkunu qed jaghtu u jircievu lil xulxin, permezz ta’ unjoni guridika, *“in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring”* (Viladrich, P.J., Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated [Montreal,1993],p.686).

Illi **l-attur Paul Cutajar** xehed li qabel ma zzewgu kienu ilhom johorgu flimkien ghal xi hames jew sitt snin meta kien ghad kellhom 15-il sena. Huwa spjega li l-genituri tieghu kienu stretti mieghu specjalment fil-hinijiet. B’hekk meta ltaqa’ ma’ Stephanie bdew ihalluh aktar. Wara xi

sentejn iltaqa' mal-genituri taghha u rrizulta li kienu hafna aktar *easy going* minn tieghu. Huma rrangawlu mal-genituri tieghu biex ikun jista' jorqod ghandhom u b'hekk ma jkollux problema ta' hin. Din il-liberta' ghogbitu u ghalih il-konvenuta saret ic-cavetta tal-liberta' li tant kien mixtieq minnha.

Illi huwa qal illi f'dawn is-sitt snin qatt ma bnew ebda relazzjoni bejniethom peress illi ftit li xejn kienu jiltaqghu; meta kienu jiltaqghu kienu jkunu jew mal-hbieb jew gewwa ghand ommha u hin ghalihom wahedhom ma kienx ikollhom. Inoltre' xehed li kien ikun aktar ghax-xoghol milli maghha u peress li kien ikun ghajjien gieli ghaddew gimghat li ma ltaqghux. Komunikazzjoni bejniethom ma kien hemm qatt. Huma qatt ma tkellmu fuq zwieg, qatt ma ppjanaw li jizzewgu fil-perjodu li kienu johorgu flimkien. Bhala karattru qatt ma qablu u skond hu qatt ma setghu jaqblu. Hi kienet tghidlu li xtaqet tfittex tizzewweg halli b'hekk ma jkollhiex ghalfejn tohrog tahdem izjed biex tkun komda. Qabel ma zzewgu la tkellmu fuq tfal, la gemmghu, la ppreparaw ghal dar ghax sabu kollox lest u qalu li setghu jizzewgu. Ghalkemm kienu jahdmu ma kienux ifaddlu. Huma qatt ma kellhom djalogu flimkien. It-tnejn kienu jhobbu l-kumpanija u meta kienu johorgu dejjem kienu johorgu mal-hbieb. Hu kien anki johrog regolarment wahdu mal-hbieb u kien anki jdum barra.  Iddecidew li jizzewgu ghax darba gie d-diskors u qalu illi la kienu ilhom sitt snin u missieru kien lest li joffrilhom post fejn joqghodu setghu jizzewgu u jkollhom il-liberta' taghhom. Missieru tahom il-post, missierha ha hsieb il-preparamenti kollha tat-tieg u b'hekk waslet id-data tat-tieg. Huwa qal hekk: *"Nghid li jien hadt id-decizjoni li nidhol ghaz-zwieg minghajr ebda hsieb ta' xejn, imma biss ghax kelli l-post lest u kollox lest u kont ser nakkwista aktar liberta'."*

Illi dakinhar tat-tieg l-attur xehed li hu kien imdejjaq hafna ghax kien indeciz ghax kien jaf li ma kienux preparati. Fil-fatt beda jtella' u jnizzel jekk imurx il-Knisja jew le u fil-fatt wasal tard hafna. Imbaghad hass pressjoni tan-nies ta' madwaru u mar. hu kien imdejjaq hafna u lilha bilkemm kellimha. *Honeymoon* marru Spanja pero' mill-ewwel

hareg il-fatt li ma kienx hemm dik l-intiza bejniethom u kienu *“cold”* hafna ma’ xulxin f’kollox inkluz mill-lat intimu. Qatt ma ffurmaw koppja vera u ghalkemm haseb li bit-tfal is-sitwazzjoni kienet se tirranga ma nbidel xejn.

Illi hija kienet tonfoq flus bl-addocc u kienet il-hin kollu ddur u tigri bil-karozza. Wara xi zmien missieru ried il-post u kellhom jixtru post u hi kkonvincietu biex jixtru hdejn ommha. Hu qal li s-sitwazzjoni aggravat ghax ommha u hutha bdew imorru kuljum ghandhom minn filghodu sa filghaxija u bdew jindahlu f’kollox. Kien minn hawn li hu beda jkollu anke *partners* ohra u kien jippreferi johrog mal-hbieb halli ma jkollux argumenti.Huma damu jghixu flimkien ghal madwar 4 jew 5 snin pero’ ferm qabel ma sseparaw *de facto* huma kienu ilhom ighixu ghal rashom ghalkemm ighixu taht l-istess saqaf. Huma sseparaw legalment f’Awissu 2001.

Illi fl-ahharnett xehed li llum ghandu relazzjoni ma’ mara ohra u ghandu tarbija minnha u qieghed kuntent ghax issa jaf x’inhi d-differenza li jkollok relazzjoni li tista’ twasslek ghaz-zwieg. Illum anki l-konvenuta ghandha ragel iehor u tidher kuntenta.

Illi **Sister Joan Garner**, iz-zija tal-attur, fl-affidavit taghha xehdet li Paul kien tifel *“spoilt rotten”* kemm mill-genituri kif ukoll min-nanniet. Il-genituri tieghu dejjem gieghluh jistinka halli jkollu flus u poter akkost ta’ kollox. Spjegat li meta Paul iltaqa’ ma’ Stephanie kellu 14-il sena u li beda jorqod ghand il-genituri taghha u b’hekk kien akkwista l-liberta’ li ma kellux permezz taghha. Irreferiet ghal meta hu spicca kors u beda jahdem mal-Public Works u kellu paga tajba. Il-familjari taghha rieduh bilfors jizzewweg u b’hekk iddecidew li jizzewgu. Dan minghajr ebda preparamenti ta’ xejn u infatti r-reazzjoni tal-familjari tieghu kienet wahda negattiva minhabba li kienu jafu li huma kienu ghadhom *“zghar hafna, immaturi, mhux ippreparati u assolutament ma kienux x’jafu x’jigifieri z-zwieg.”* Ommu qaltlu biex ma jizzewwigx u jistenna sena izda l-familjari taghha qalu lilha u lil ommha biex ma jindahlux. B’hekk kontra kull insistenza Paul izzewweg.

Illi hija xehdet li bejniethom ma kienx hemm karezzi – kienu *"cold"* ma' xulxin. Dakinhar tat-tieg Paul kien imdejjaq u meta x-xhud qaltlu li hu ma kienx lest ghaz-zwieg u jekk riedx jizzewweg huwa qalilha li ma kienx hemm x'taghmel u dahal il-Knisja. Huwa mar tard hafna. It-tnejn dehru mhux komdi waqt il-quddiesa li skond hi kienet flop totali ghax kont thoss li ma kienitx xi haga spiritwali u ta' certu importanza ghax kollox kien qiesu recta. Anki fir-riceviment kienu jidhru mdejqin.

Illi wara t-tieg hija gieli kienet tmur ghandhom u dejjem kien ikun hemm il-familjari taghha. Xehdet li Stephanie ma kienitx persuna responsabbli u kienet iggib ruhha b'tali mod li l-ewwel kien jigi missierha imbaghad zewgha. Sahansitra l-konvenuta kienet qaltilha li ghaliha ommha u missierha biss kienu familja Paul kien barrani. Hija wkoll gieli kienet involuta fi problemi bejniethom fejn kien irrizulta li ma kienux jafu jutilizzaw il-flus sew.

Illi **Myriam Grace Garner**, iz-zija tal-attur, ikkorroborat max-xhieda li tat ohtha Sister Joan Garner.

Illi l-konvenuta **Stephanie Cutajar** xehdet li damet gharusa seba' snin u meta zzewgu kellhom 21 sena. Meta bdiet tghix mieghu wara z-zwieg irrejalizzat kemm kien immatur. Hi dan il-fatt kienet tafu izda njoratu u xorta zzewgitu. Hu ma kienx jaf x'kienu l-obbligi matrimonjali tieghu. Hu kien johrog mal-hbieb frekwentement u kien jirrinkasa tard hafna. Wara li sseparaw saret taf li hu kien johrog man-nisa u erba' snin wara z-zwieg qabditu ma' mara ohra. Hi xehdet li minhabba li matul iz-zwieg kellu diversi tfajliet s-sitwazzjoni saret insostenibbli anki ghax hu kien isawwatha. B'hekk isseparaw u llum qieghed ma' *partner* ohra u ghandu tarbija minnha.

## C. Ligi Applikabbli ghall-Kaz *de quo*

Illi l-attur fil-premessi tieghu jghid illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat minhabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha; kif ukoll minhabba li l-kunsens taghhom inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi

wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga; kif ukoll li l-kunsens tieghu nkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra

Illi mill-provi prodotti rrizulta li l-partijiet it-tnejn li huma, qabel ma zzewgu, ma kkunsidrawx bis-serjeta' l-valuri u l-principji tal-hajja mizzewga. Irrizulta mill-provi li bdew johorgu flimkien meta kienu ghadhom veru zghar u spiccaw izzewgu zghar. Matul dan il-perjodu huma ma hadux l-opportunita' biex isiru jafu lil xulxin sew tant li qatt ma tkellmu fuq zwieg, fuq tfal u wisq anqas gemmghu. Huma zzewgu ghax rawha bhala konsegwenza naturali ghax kienu ilhom tant flimkien u sabu kollox lest. Wara li zzewgu imbaghad hi tidher li riedet tkompli bil-kapricci taghha filwaqt li hu beda johrog mal-hbieb u sa anki kellu nisa ohra. Huwa xehed li meta kellhom il-problema tal-familjari taghha li kienu jmorru dejjem ghandhom u beda jfittex nisa ohra. Certament din turi ammont ta' immaturita' kbira ghax minflok ipprova jsolvi l-problemi harab minnhom. Irrizulta wkoll li anki fil-gurnata tat-tieg taghhom donnhom it-tnejn kienu mdejqin.

Illi ghalhekk irrizulta li l-kunsens taghhom kien vizzjat a bazi ta' l-**artikolu 19(1)(d).** Infatti kif inghad fis-sentenza **"Sharon Lanzon mart Francis Attard vs Francis Attard"** (P.A. NA 15 ta' Marzu 2000):-

*"Il-kunsens taz-zewg persuni fir-rabta taz-zwieg jehtieg att volontarju li wiehed konxjament jinghaqad ma' persuna ohra bl-intenzjoni li jghix hajtu kollha ma' dik il-persuna u bejniethom jikkreja shubija fejn jaghtu lilhom infushom lil xulxin"*

Illi minn dak kollu li rrizulta li l-partijiet ma kellhomx idea li z-zwieg ifisser *"communion of life and love"* ghaliex it-tnejn urew immaturita' kbira ghal kif jaffrontaw il-hajja familjari taghhom u l-problemi li ggib maghha.

Illi kwindi rrizulta illi fil-mument taz-zwieg il-kunsens tal-partijiet kien wiehed invalidu a bazi tas-**sub-artikolu (d) ta' l-artikolu 19 (1) tal-Kap.255.**

Illi stante l-premess din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha tidhol fuq il-lanjanzi l-ohra allegata mill-attur *ai termini* tal-**artikolu 19(1)(c) u (f) u tal-Kap.255** tal-Ligijiet ta' Malta.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut **tilqa' t-talba attrici** b'dan li:-

**1.** Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fit-18 ta' April 1993 huwa null u bla effett *ai termini* tal-**artikolu 19(1)(d) tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez ta' din il-kawza jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**14 ta' Novembru 2002.**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**14 ta' Novembru 2002.**